**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 166/2017 CFF**

Vigourtech Limited (*)

**R. G. Motors Limited**

**Vs**

R.G. Motors Limited

**Vigourtech Limited**

**Illum 3 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata:

Thallas is-somma ta' sitt elef mija u disa' ewro u tmienja u hamsin centezmu (€6109.58), rapprezentanti – (i) in kwantu ghas-somma ta' €4309.58, rimbors ta' flus imhallsa lilha mir-rikorrenti ghal road tax u insurance dwar karozza tal-kiri mikrija minnha lir-rikorrenti ai termini ta' ftehim datat 16 ta' Gunju, 2011 (Dok A), liema ammont gie fatturat minnha bi ksur tal-istess ftehim, u (ii) in kwantu ghas-somma ta' €1800, depozitu mhallas lilha mir-rikorrenti fuq il-ftehim imsemmi u li huwa dovut lkura minnha lir-rikorrenti in vista tat-terminazzjoni tal-istess ftehim. Minkejja li s-socjeta' intimata giet debitament interpellata sabiex thallas din is-somma permezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju, 2017 (Dok B), hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.



(*) B'digriet tal-Qorti datat 19 t'Awwissu, 2020, il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fis-sens illi l-okkju tal-kawza ghandha tinqara "Vigourtech Limited vs R.G. Motors Limited"

24 AUG 2020

Nadia Ciappara
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat **ir-risposta u kontro-talba ta' RG Motors Limited** fejn esponiet:

1. Illi primarjament it-talba attrici hija intempestiva stante li s-socjeta' esponenti qatt ma giet infurmata jew interpellata bit-talbiet li qeghdin isiru f'din il-kawza;

2. Illi fit-tieni lok is-socjeta' attrici ghandha tipproduci dawk l-allegati fatturi u hlasijiet li allegatament saru minnha lis-socjeta' konvenuta stante li mill-invoices li nhargu mis-socjeta' esponenti lil dik attrici, hawn annessi bhala Dok RG1, ma jidher li la qatt nharget invoice ghad-depozitu ndikat mill-atturi, u wisq anqas ghal road tax u insurance, ghajr ghall-invoice wahda, fl-ammont ta' mija tnejn u erbghin ewro liema invoice hija ndikata bhala numru 77 fl-anness Dok RG1;

3. Fil-kumplament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

**Kontro-talba tas-socjeta' intimata RG Motors Limited:**

Illi permezz ta' skrittura datat sittax ta' Gunju 2011 is-socjeta' esponenti kriet vettura lkis-socjeta' Vigourtech Limited skond ma jidher minn Dok A anness mar-rikorrs promotur, u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt.

Illi skond il-klawzola 8.10 fl-imsemmi kuntratt is-socjeta' Vigourtech Limited kienet obligat ruhha u accettat li thallas l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700) bhala excess ghal kull incident li jkollha;

Illi matul il-perjodu tal-kuntratt, is-socjeta' Vigourtech Limited kellha tlett incidenti stradali bil-vettura lilhom mikrija liema jammontaw ghal elfejn u mitt ewro (€2100);

Illi s-socjeta' Vigourtech Llimited halset biss l-ammont ta' elf seba' mija u hamsa u hamsin ewro (€1755) bhala excess ghall-incidenti li kellha u ghalhekk hija tinsab debitrici fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin (€345) ewro dovuti bhala excess lis-socjeta' esponenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tikkundanna lis-socjeta' rikorrenti thallas lis-socjeta' intimata l-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin ewro, bhala bilanc ta' excess fees dovuti ai termini tal-kuntratt datat sittax ta' Gunju 2011 (Dok A).

Bl-ispejjez kollha u bl-interessi kontra s-socjeta' rikorrenti li minn issa qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' attrici Vigourtech Limited ghall-kontro-talba ta' RG Motors Limited** fejn esponiet:

1. Illi qabel xejn u preliminarjament it-talba tas-socjeta' intimata hija intempestiva stante li s-socjeta' attrici qatt ma giet interpellata bl-istess talba;

2. Illi preliminarjament ukoll, minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni fil-kontro-talba tas-scojeta' intimata dwar l-incidenti allegati, mid-dokument Dok RG1 ipppreżentat minnha mar-risposta taghha jidher li l-incidenti allegati sehhew aktar minn hames (5) snin qabel ma tressqet din il-kontro-talba u ghalhekk is-socjeta' attrici esponenti qed tqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 (*korrezzjoni awtorizzata*) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, is-socjeta' intimata trid tipprova t-talba taghha u trid iggib prova tal-incidenti allegati, meta sehhew u meta sar dovut l-excess, u konsegwentement l-esponenti qieghda minn issa tirrizerva d-dritt taghha li tressaq eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni jekk ikun il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, is-socjeta' attrici esponenti hallset dak li giet mitluba thallas kif jirrizulta minn Dok. RG1 ipprezentat mis-socjeta' intimata stess u mill-kontro-talba taghha wkoll;

5. Illi fi kwalunkwe kaz il-kontro-talba tas-socjeta' intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

**Patrik Alfvegren,** huwa direttur tal-kumpanija Vigourtech Limited kif ukoll ghandu r-rapprezentanza legali tal-istess kumpanija u permezz t'affidavit jghid li fis-16 ta' Novembru, 2011 is-socjeta' Vigourtech dahlet f'kuntratt ma RG Motors Limited, fejn is-socjeta' Vigourtech bdiet tikri karozza Audi A4 Convertible minghand RG Motors Limited. Is-socjeta' Vigourtech halset lil RG Motors is-somma ta' €1800 bhala depozitu liema ammont kien ekwivalenti ghal tlett xhur kera. L-istess kuntratt kien jghid illi la darba l-kuntratt ta' kera jigi terminat, dan id-depozitu jerga' jinradd lura. Lejn l-ahhar tas-sena 2012, giet mibdula l-karozza Audi A4 ghal BMW 530D Saloon. Ma kien hemm l-ebda ammendi fil-kuntratt biex jirriflettu din il-bidla u lanqas kien hemm indikat min ghandu jiehu r-responsabbilita' ghal tiswijiet tal-karozza u jekk il-karozza kienitx inxurjata. Ghal numru ta' snin, is-socjeta' Vigourtech ghamlet diversi pagamenti u rceviet invoices minghand il-kumpanija RG Motors ghal dawn il-pagamenti. F'April, 2016, Patrik Alfvegren innota li l-kumpanija RG Motors kienet qed titlob ammont ikbar ta' pagamenti lil kumpanija Vigourtech. Huwa kien accetta li jibda jhallas l-ammont ta' €650 minflok l-ammont ta' €600 kif miftiehem fil-kuntratt. Fis-6 t'April, 2016 Patrik Alfvegren informa lil Ruben Galea li jahdem gewwa RG Motors u pproduca l-provi li RG Motors kienet qeghda tohrog iktar invoices milli fil-verita' kien hemm. Ruben Galea nfurmah li se jerga' jrodd lura l-flus billi jibda jnaqqas l-ammonti mill-invoices li kellhom johorgu fil-futur. Patrik Alfvegren jispjega li fil-kuntratt kien stipulat li RG Motors kienet responsabbli ghal licenzja u l-insurance tal-vetturi, liema insurance kellu jkun fuq bazi "fully comprehensible", izda minflok, hargu kont lil Vigourtech ghal dawn l-ispejjez li jammontaw ghal €4309.58. Vigourtech halset dan il-kont, izda l-kumpanija RG Motors ma kellhiex tohrog dan il-kont fuq Vigourtech stante li kienet taf li fil-ftehim taghhom,

huma kellhom jiehdu hsieb dawn l-ispejjez. Patrik Alfvegren sar jaf li dawn il-pagamenti ma kienux dovuti f'Novembru 2016 in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' kera ghal karozza. Stante l-esperjenza tieghu fejn il-kumpanija RG Motors harget kontijiet eccessivi, Patrik Alfvegren investiga l-kontijiet precedenti sabiex jara jekk isibx diskrepanza u fil-fatt hawnhekk skopja li l-licenzja u l-insurance kellhom jithallsu mill-istess RG Motors u mhux mill-kumpanija Vigourtech. Il-kuntratt ta' kera tal-vettura giet terminata fl-1 ta' Novembru, 2016 u l-pagamenti ta' kera kollha gew imhallsa minn Vigourtech. Il-kuntratt ta' kera tal-karozza giet terminata minhabba l-fatt li RG Motors ippretendiet li l-ftehim ta' kera jigi trasferit minn RG Motors ghal kumpanija ohra, cioe' Signature Brands Limited. Din il-possibilita' ta' trasferiment minn kumpanija ghal ohra ma kienitx ikkontemplata fil-kuntratt ma Vigourtech, u li liema trasferiment, Vigourtech ma qablitx maghha. Oltre minn hekk, RG Motors u/jew Signature Brands Limited riedu jghollu konsiderevolment l-ammont ta' kera. Vigourtech ma accettatx dawn il-bidliet radikali u wara li ofriet lil RG Motors sabiex ticcara r-relazzjoni taghha ma Signature Brands, RG Motors talbet li tiehu lura l-vettura fl-1 ta' Novembru, 2016 f'liema data allura, il-kuntratt ta' kera gie terminat.

**Patrik Alfvegren** xehed fis-17 ta' Jannar, 2018, fejn ikkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu. Wara li gie muri kont a fol 21 tal-process, jispjega li l-kont huwa datat 27 ta' Gunju, 2011 u ghalhekk dan kien ifisser li kien hemm incident bil-karozza ftit granet qabel, sar claim u thallas excess fee ta' €585. Jghid li skont il-kuntratt bejn RG Motors u Vigourtech, kien hemm ftehim li jekk ikun hemm claim lill-insurance, l-excess fee jithallas minn Vigourtech, u fil-fatt, meta RG Motors bghatet il-kont lil Vigourtech li jirrifletti dan l-ammont ta' €585, il-kumpanija Vigourtech halset dan il-kont. Patrik Alfvegren gie muri kont iehor a fol 22 tal-process u jispjega illi dan kien incident iehor li sehh fis-7 ta' Lulju u Vigourtech regghet halset l-ammont ta' €585 li kien l-excess fee. It-tielet kont li gie muri a fol 34 tal-process, Patrik Alfvegren jispjega li fl-20 ta' Gunju, 2012 inhareg dan l-istess kont stante li kien hemm incident iehor bil-vettura. Vigourtech halset l-excess fee ta' €585. Patrik Alfvegren sar jaf bil-kontro-talba ta' RG Motors wara li nfethet din il-kawza u wara hafna snin li fir-realta' graw dawn l-incidenti, cioe' fis-sena 2011 u 2012. Huwa gie muri l-kuntratt a fol 229 tal-process, liema kuntratt ikkonfermah. Jikkonferma li fil-kuntratt, kien hemm klawzola li ghal kull incident bil-vettura, kellha tithallas is-somma ta' €700 bhala excess fee, ghal kull claim li ssir mal-insurance. Pero', peress li l-excess fee

irrizulta fl-ammont ta' €585, ma kienx hemm ghalfejn tithallas l-ammont ta' €700. Patrik Alfvegren jghid li l-maggoranza tal-pagamenti lil kumpanija RG Motors sar permezz ta' bank transfer. Kien hemm okkazzjonijiet pero' li sid il-kumpanija RG Motors, u cioe' Reuben Galea, talab li l-pagament isir bi flus kontanti.

Rega' xehed in kontro-ezami, **Patrik Alfvegren** fis-26 ta' Frar, 2019 fejn rega' kkonferma li l-ammont miftiehem bejn RG Motors u Vigourtech li kellha tithallas f'kaz ta' claim mal-insurance, bhala excess fee, kien ta' €700. Jikkonferma li l-kontijiet kellhom jinharug minn RG Motors u mhux direttament mill-kumpanija assigurattrici. Inoltre, jikkonferma li kien Signature Brands Limited fethet kawza kontra Vigourtech Limited u talbitha thallas l-ammont ta' €2000. Jghid li dan l-ammont ghadu ma thallasx fl-intier tieghu. Jispjega li l-ammont ta' €1800 li kellha tithallas bhala deposit, il-kumpanija Vigourtech halsithom bi flus kontanti. Patrik Alfvegren jispjega li fis-sena 2011, huwa beda jiehu hsieb ir-restaurant Tapaz gewwa San Giljan. Jispega illi dak iz-zmien, il-kumpanija Vigourtech ma kellhiex kont bankarju u ghalhekk kien qed ikollha hafna flus kontanti f'idejha. Patrik Alfvegren ma kienx organizzat li jnizzel x'kien qed ihallas u stante li kellu hafna flus kontanti f'idejh, huwa hallas l-ammont ta' €1800 b'dawn il-flus, u ghalhekk dan l-ammont qatt ma tnizzel fil-kotba tal-kumpanija. Jikkonferma li l-kumpanija RG Motors bghatet credit note lil kumpanija Vigourtech stante li nhargu kontijiet eccessivi fil-konfront ta' Vigourtech.

**Ruben Galea**, huwa d-direttur u rapprezentant legali tal-kumpanija RG Motors Limited. Fis-16 ta' Gunju, 2011, RG Motors Limited iffirmat ftehim ma Vigourtech Limited, rapprezentata minn Patrik Alfvegren ghal kiri ta' vettura tal-ghamla Audi A4 Convertible, bin-numru ta' registrazzjoni AUD 154 ghal perjodu ta' 24 xahar, liema ftehim kien jiskadi fis-16 ta' Gunju, 2013. RG Motors kienet tohrog kont rapprezentanti l-kera ta' kull xahar tal-vettura kif ukoll il-VAT. Maggoranza tal-pagamenti fil-perjodu ta' bejn Gunju 2011 u Ottubru, 2012 saru permezz ta' bank transfers. Jispega li meta gie ffirmat il-kuntratt, Vigourtech kellha thallas lil RG Motors is-somma ta' €1800 bhala "security deposit", liema ammont izda qatt ma thallas. F'Dicembru, 2012, is-socjeta' Vigourtech itterminat il-kuntratt qabel iz-zmien stante li Patrik Alfvegren informa lil Ruben Galea li xtaq jikri karozza tal-ghamla BMW minghajr ebda rbit kuntrattwali. Jinnega li l-kontijiet kienu aggressivi fil-konfront ta' Vigourtech. Anzi, jispjega illi meta kien hemm l-incidenti bil-

vettura u kellha tithallas l-excess fee, bi zball, il-kontijiet mahruga minn RG Motors kienu ta' ammont inqas minn dak miftiehem fil-kuntratt. U hija din id-diskrepanza li RG Motors qed titlob fil-kontro-talba taghha. Ghar-rigward il-vettura BMW, il-kera kienet dejjem prezz regolari u l-ispejjez tal-insurance u licenzja kienu skont il-prezz tas-suq kif mghoddi lil RG Motors mill-kumpanija tal-assikurazzjoni. Jispjega illi Patrik Alfvegren ipprezenta kopja tal-kuntratt tal-vettura Audi bin-numru ta' registrazzjoni AUD 154, izda Vigourtech qatt ma bghatet kontijiet ghall-insurance u licenzja ghal din il-vettura lil Vigourtech. Peress li l-kuntratt intemm f'Dicembru, 2012, Vigourtech irritornat lura l-vettura Audi bin-numru ta' registrazzjoni AUD 154 u ghalhekk, anke l-kirja tal-Audi kienet twaqfet hemm.

Rega' xehed in kontro-ezami, Ruben Galea fid-29 t'April, 2019, fejn ikkonferma l-kuntratt tal-kiri tal-karozza Audi. Jghid li huwa shareholder tal-kumpanija RG Motors kif ukoll fil-kumpanija Signature Brands Limited. Jispjega li l-kumpanija Signature Brands Limited hadet f'idejha l-kirja tal-karozza BMW lis-socjeta' Vigourtech. Jikkonferma li l-kumpanija Signature Brands Limited kellha tiftah kawza kontra Vigourtech stante li l-vettura BMW kellha xi hsarat, u s-socjeta' Signature Brands Limited sofriet id-danni biex tirranga din il-vettura. Jghid li l-kirja tal-BMW bdiet fis-sena 2012 u baqghet sejra sal-2016. Jikkonferma li kien hemm "over invoicing" fil-kirja tal-BMW u ghalhekk RG Motors harget credit note lil Vigourtech.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Vigourtech Limited u tas-socjeta' RG Motors Limited.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi primarjament is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti tibda billi teccepixxi l-intempestivita' tal-kawza, ghaliex is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti qatt ma kienet interpelleta ghal hlas. Madanakollu jirrizulta li socjeta' rikorrenti ezebiet ittra datata 6 ta' Gunju 2017 li permezz taghha hija interpellat lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti

tersaq ghal hlas u nghatat hamest (5) ijiem biex taghmel hekk, ghaliex fin-nuqqas is-socjeta' attrici kienet ser tipprocedi bi proceduri legali. L-interpellazzjoni hija wahda cara u tispjega b'mod akkurat x'inhuma l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta' attrici rikonvenuta, ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

Illi s-socjeta attrici rikonvenuta qed titlob elf u tmien mitt Ewro (€1800) minn ammont ikbar, rapprezentanti ta' depozitu maghmul minnha lis-socjeta' konvenuta. Illi Patrick Alfvegren li huwa r-rapprezentant tas-socjeta' attrici rikonvenuta jghid li huwa hallas dan l-ammont fi flus kontanti lil Ruben Galea. Dan id-depozitu huwa mnizzel li thallas fuq il-ftehim ta' kera, kif jindika l-istess, a fol 4 tal-process;

*"The Lessee is hereby paying a sum equivalent to three (3) months Rent by way of deposit (the "Deposit") on each Vehicle, of which the Lessor tenders due receipt. The Deposit shall be refunded to the Lessee upon the termination of the Lease provided that the Lessee fulfill all its obligations under this Agreement, on failure of which, the Deposit shall be forfeited in favour of the Lessor."*

Madanakollu Ruben Galea, r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti jghid li dan id-depozitu qatt ma thallas lis-socjeta'. Jirrizulta mid-diversi dokumenti li gew prezentati fil-process li Patrick Alfvegren ghan-nom tas-socjeta' attrici rikonvenuta, dejjem hallas lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti permezz ta' *cheque* jew *bank transfer*, fil-fatt huwa fil-process jipprezenta wkoll il-kopji ta' dawn il-hlasijiet, izda tal-hlas ta' dan id-depozitu m'ghandux traccabilita' ghaliex jghid li thallas fi flus kontanti. Mid-dokument ezebit minn Ruben Galea ma' l-affidavit tieghu a fol 190 tal-process dan il-hlas ta' depozitu ma jirrizultax. Fil-fatt Patrick Alfvegren jghid li dawn il-flus thallsu barra r-restaurant Tapaz li l-istess socjeta' attrici rikonvenuta kienet tiggestixxi, jghid ukoll li dak iz-zmien ma kellux kont mal-bank u kellu ammonti kbar ta' kontanti minhabba li kien ghadu kemm ha f'idejh ir-restaurant, u jzid li ghalkemm is-socjeta' attrici rikonvenuta zzomm *accounts*, dan il-hlas partikolari ma tnizzilx fl-*accounts* tas-socjeta'. Huwa jghid li dak huwa l-uniku zball illi ghamel, u cioe' li ma nizzilx dan il-hlas fil-kotba tas-socjeta' attrici rikonvenuta izda jiftakar ezattament li dan il-hlas sar.

Hawnhekk Patrick Alfvegren ghas-socjeta' attrici rikonvenuta jidher li jiftakar sew fejn kienu hu u Ruben Galea meta gie iffirmat il-ftehim tal-kera, u cioe' barra r-restaurant tieghu, jiftakar li l-flus thallsu f'kontanti li hargu mis-sejf tieghu, u jaghti spjegazzjoni plawsibbli ghal-liema raguni hallas in kontanti, u dan kien ghaliex dak iz-zmien ma kienx ghad kellu relazzjoni ma banek. Dan kollu maghdud mal-kliem car tal-klawsola 5.4 tal-ftehim tal-kera li tinsab a fol 4 tal-process, u cioe' li l-hlas qed isir, fuq il-ftehim u li l-istess ftehim ta' kera huwa ricevuta ta' dan il-hlas ta' depozitu ta' elf u tmien mitt Ewro (€1800), huwa prova certament sal-grad tal-probabbli li dan il-hlas effettivament sar. Dan il-ftehim ta' kera huwa iffirmat minn Ruben Galea ghan-nom tas-socjeta' attrici rikonvenuta, ghalhekk il-Qorti certament li ma tistax tinterpreta l-kliem ta' l-iskrittura mod iehor.

Illi rigward l-ammont imhallas zejjed ta' erbat elef tlett mija u disa' ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4209.58) mis-socjeta' attrici rikonvenuta, hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li qed taghmel is-socjeta konvenuta rikonvenzjonanta u cioe' li ladarba kien hemm bdil tal-karozza minn Audi ghal BMW allura l-ftehim ta' kera ezebit ma baqax jghodd, ghaliex il-BMW hija karozza tat-tip executive u allura l-kundizzjonijiet taghha huma tat-tip differenti. Fl-affidavit tieghu Ruben Galea ghan-nom tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta jghid hekk, *"F'Dicembru 2012, is-socjeta' Vigourtech waqqfet il-kuntratt qabel iz-zmien, u b'hekk anke l-kirja tal-karozza Audi, ghaliex l-ezigenzi tas-Sur Alvegen kienu saru differenti. Kien avvicinani s-Sur Alvegren u kien infurmani li xtaq jikri karozza tat-tip BMW minghajr ebda irbit kuntrattwali u ghaldaqstant tal-kera ta' licenzja u insurance, u obligi li huma min dawk fit-tul bhal ma' kien fil-kaz tal-Audi[1]."* Min-naha l-ohra s-Sur Alvegren ghan-nom tas-socjeta' attrici rikonvenuta jghid mod iehor, u jghid hekk, *"Towards the end of the year 2012 the Audi A4 was changed and I was provided with a BMW 530D Saloon. No contract was signed at this time specifying the change. There was no agreement about who bears responsibility for different types of repairs of the car or what was covered by insurance.[2]"* Fil-kawza deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 27 ta' Marzu 2018, it-Tribunal kien diga' esprima ruhhu rigward jekk il-kera kenitx ghadha ghaddeja jew le, a fol 94 tal-process insibu s-segwenti dikjarazzjoni[3] ta' l-istess Tribunal fil-kawza *Signature Brands Ltd vs Vigourtech Ltd, "Gie pruvat li, bir-rieda taz-zewg*

[1] Ara fol 141 tal-process
[2] Ara fol 39 tal-process
[3] Dikjarazzjoni dwar l-istess relazzjoni lokatizja li qed tigi tratta fil-kawza odjerna

*kummercjanti – RG Motors Limited u s-socjeta' konvenuta – saret kirja gdida bejniethom dwar din it-tieni vettura, u ghajr ghall-kera, zammew l-istess kundizzjonijiet. Fid-dinja tar-relazzjonijiet kummercjali, dan il-metodu nsibuh spiss u komuni, aktar u aktar meta wiehed iqis li fil-frattemp id-dirigenti taz-zewg kumpaniji dahlu f'relazzjoni kemmxejn personali, anke b'arrangament ta' tpacija ma' prezz ta' servizzi ta' l-ikel fir-restaurant immexxi mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li effettivament kien qed juza din il-vettura mikrija. It-Tribunal ghalhekk iqis li l-kirja tal-vettura BMW 5 Series bin-numru ta' registrazzjoni RGZ 011 bdiet bejn il-kumpanija RC Motors Limited u s-socjeta' konvenuta, bil-kera mitlub mill-kumpanija lokatrici u accettat mis-socjeta' konvenuta, u bil-bqija tal-kundizzjonijiet ga maqbula fl-iskrittura tal-kiri tas-16 ta' Gunju 2011."* Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u m'ghandiex ghalfejn tiddipartixxi minnu fid-dawl tal-fatt li m'hemm l-ebda prova li l-partijiet ftehmu fuq kundizzjonijiet lokatizji differiti minn dawk stabbiliti permezz tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2011 u l-istess ftehim ta' kera ma' jaghmel l-ebda referenza ghal vettura partikolari, jsemmi biss il-kelma vettura, issa jekk dik il-vettura kenitx ta' marka jew ohra, jew hix ta' cilindrata inqas, ghal din il-Qorti ma taghmel l-ebda differenza. Ghalhekk il-ftehim datat 16 ta' Gunju 2011 baqa' jghodd anke meta s-socjeta attrici rikonvenuta bdiet tikri l-vettura BMW.

Illi dan il-ftehim lokatizju huwa car, a fol 5 tal-process that is-sub titolu numru 7 intitolat *"Lessor's Further Obligations"*, jghid is-segwenti, *"Maintain a valid road license for the Vehicle/s throughout the Term, and a valid insurance policy on a fully comprehensive basis."* Ghalhekk dawn l-ispejjez dejjem kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta u mhux tas-socjeta' attrici rikonvenuta. Dawn ma kellhom qatt jingabru mill-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonata u ghalhekk jehtieg li jinraddu lura fit-totalita' taghhom. Jirrizulta li thallsu l-ammonti ta' €1107.85, €962.92, €960.15, €986.66, €142 u €150 bhala ammonti indikattivi skond l-invoices ta' assigurazzjoni u licenzja. Illi ghal dak li jirrigwarda l-pagament ta' mija tnejn u erbghin Ewro (€142) il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, dawn jidhru li thallsu skond kif indikat a fol 100 tal-process. Ghalhekk it-total li s-socjeta' attrici rikonvenuta hallset lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, bhala hlasijiet mhux dovuti lilha huma fit-total ta' erbat elef tlett mija u disa' Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4309.58).

Illi ghak dak li jirrigwarda l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, l-Qorti sejra tibda billi l-ewwel titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta' attrici rikonvenuta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jghid li huma milqutin bi preskrizzjoni kwinkwennali,

*"azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Illi ai termini ta' l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Patrick Alfvegren ghan-nom tas-socjeta' attrici rikonvenuta, tela' jixhed jiddikjara li huwa ma hux debitur tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta ghaliex huwa hallas dak kollu dovut u mitlub minnu in relazzjoni ma' l-incidenti msemmija fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, u fil-fatt ta' dan gew prezentati wkoll kopja ta' l-invoice mahruga u l-hlas. Si tratta ta' tlett hlasijiet ta' hames mija u hamsa u tmenin Ewro (€585) l-wiehed skond kif mitluba mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta lis-socjeta' attrici rikonvenuta, li jirraprezentaw *insurance excess liability* ta' tlett incidenti stradali datati 27 ta' Gunju 2011, 7 ta' Lulju 2011 u 20 ta' Gunju 2012. Illi hawn si tratta ta' tlett incidenti li sehhew il-fuq minn hames (5) snin mid-data meta giet ipprezentata l-kontro-talba[4] u ghalhekk ormaj l-azzjoni tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanta hija preskritta.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici rikonvenuta u tiddikjara l-kontro-talba preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici rikonvenuta Vigourtech Limited u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta RG Motors Limited thallas is-somma ta' sitt elef mija u disa' Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€6109.58) lis-socjeta' attrici rikonvenuta, bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-

[4] Prezentata fl-4 t'Awissu 2017

Illi ghak dak li jirrigwarda l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, l-Qorti sejra tibda billi l-ewwel titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta' attrici rikonvenuta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jghid li huma milqutin bi preskrizzjoni kwinkwennali,

*"azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Illi ai termini ta' l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Patrick Alfvegren ghan-nom tas-socjeta' attrici rikonvenuta, tela' jixhed jiddikjara li huwa ma hux debitur tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta ghaliex huwa hallas dak kollu dovut u mitlub minnu in relazzjoni ma' l-incidenti msemmija fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, u fil-fatt ta' dan gew prezentati wkoll kopja ta' l-invoice mahruga u l-hlas. Si tratta ta' tlett hlasijiet ta' hames mija u hamsa u tmenin Ewro (€585) l-wiehed skond kif mitluba mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta lis-socjeta' attrici rikonvenuta, li jirraprezentaw *insurance excess liability* ta' tlett incidenti stradali datati 27 ta' Gunju 2011, 7 ta' Lulju 2011 u 20 ta' Gunju 2012. Illi hawn si tratta ta' tlett incidenti li sehhew il-fuq minn hames (5) snin mid-data meta gietipprezentata l-kontro-talba[4] u ghalhekk ormaj l-azzjoni tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanta hija preskritta.

## Decide:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici rikonvenuta u tiddikjara l-kontro-talba preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici rikonvenuta Vigourtech Limited u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta RG Motors Limited thallas is-somma ta' sitt elef mija u disa' Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€6109.58) lis-socjeta' attrici rikonvenuta, bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-

[4] Prezentata fl-4 t'Awissu 2017

istess ismijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-kawza lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**